Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 400/2014

Il-Pulizja

Spettur Daryl Borg

Vs

Rafel Sammut

Illum 21 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Rafel Sammut, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 198892M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-lejl ta' bejn it-tnax (12) ta' Jannar, 2013 u t-tlettax (13) ta' Jannar, 2013, f'San Giljan u f'dawn il-Gzejjer Maltin, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christian Gatt skond certifikat mahrug minn Dr. M. Caruana, M.D. (Reg. 2864) mill-Isptar Mater Dei.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tiporovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Christian Gatt bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-1 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti lliberat lill-imputat mill-akkuza dedotta kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, u filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lil l-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, tvarja l-piena inflitta, u dan billi timponi piena katar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Rafel Sammut esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi fis-sitt (6) jum mix-xahar ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), l-esponent ircieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet enuncjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi procedurali. Dana qieghed jinghad il-ghaliex l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma kienet Qorti Kompetenti li tghaddi gudizzju fil-konfront tal-appellat kemm jekk ta' htija u anke jekk ta' liberatorja u dana fl-ewwel lok u principalment l-ghaliex l-ewwel Onorabbli Qorti kienet qieghda tisma' l-kaz fil-vesti taghha bhala Qorti Istruttorja u mhux bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Ghaldaqstant per konsegwenza, l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet legalment u manifestament zbaljata meta bhala Qorti Istruttorja marret oltre mill-funzjonijiet u l-kompetanza taghha (ai termini tal-ligi relevanti hekk kif ser jigi spjegat iktar il-quddiem) u tat gudizzju rigward il-kaz de quo u illiberat lill-appellant. In vista ta' dan l-esponent qighed jintavola dan l-umli appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fl-ewwel (1) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) inqrat bil-gurament l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-qua appellat sabiex tibda il-kompilazzjoni tal-provi fil-konfront tieghu galadarba ir-reat hawn fuq imsemmi (li kkaguna feriti ta' natura gravi) li bih l-istess imputat kien qieghed jigi akkuzat kien jezorbita il-kompetanza originali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali ai termini tal-artikolu 370(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u prosegwibbli ex officio (hekk kif fil-fatt tmexxieet). In vista ta' dan il-kompetanza tal-Qorti tal-Magisttati kienet wahda ta' Istruttorja u mhux ta' Gudikatura Kriminali.

Illi ghal kull buon fini jigi rilevat ukoll illi mill-atti processwali jirrizulta li l-esponent ma tax il-kunsens tieghu ai termini tal-artikolu 370(4)(b) tal-Kodici Kriminali sabiex dina l-kawza tkun tista' titmexxa b'mod sommarju. Lanqas ma jista' jinghad illi l-Ewwel Qorti applikat id-dispozizzjoni tal-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali gialadarba l-qua appellat ma rregistrax ammissjoni fl-ezami minghajr gurament ai termini tal-artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali. Lanqas ma huwa applikabbli l-artikolu 403 tal-Kodici Kriminali stante illi kif gie ddikjarat iktar il-fuq, ir-reati dedotti fil-konfront tal-impuati jezorbitaw l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ai termini tal-artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali. Di più l-artikolu 403 tal-Kodici Kriminali ikun applikabbli wara li 'tinghalaq il-kumpilazzjoni' u mhux meta l-prosekuzzjoni laqnas inghatat l-opportunita li tibda tressaq il-provi taghha in sostenn tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat hekk kif gara fil-kaz odjern. Fil-fatt minn imkien mis-sentanza tal-ewwel Onorabbli Qorti ma jirrizulta illi gie applikat dana l-artikolu. B'hekk l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt, taht l-ebda cirkostanza, tigi ikkonvertita minn Qorti istruttorja ghal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Illi ghaldaqstant huwa evidenti illi minkejja li fis-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-intestatura turi 'Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali' de facto l-ewwel Onorabbli Qorti kienet ghadha fil-kompetenza taghha ta' Qorti Istruttorja, fejn il-kompitu taggha kien limitat biss ghal dak ta' gbir tal-provi relevanti u koncernati ghal kaz odjern. Fil-fatt f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ma kellha qatt il-kompetenza u l-funzjoni li tghaddi ghas-sentenza fil-konfront tal-imputat (galadarba effettivament kif spjegat iktar il-fuq ma kinitx giet ikkonvertita f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali).

Illi ai termini tal-artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali, meta tinghalaq il-kumpilazzjoni il-kompitu tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja,

mhuwiex dak illi tghaddi gudizzju fuq l-imputati izda unikament dak illi tara jekk hemmx ragunijiet u provi bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza jew altrimenti. Illi f'dan ir-rigward u cioe' dwar il-funzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet il-Pulizija vs Dr. Joseph Cassar Galea LL.D. tiddikjara illi:

*"sakemm il-Qorti Istruttorja ma tiddikjarax li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kirminali imma ta' kompetenza taghha (artikolu 415 – illum 414), jew inkella sakemm il-process ma jkunx mibghut mill-Avukat Generali fit-terminu tal-artikolu 445(5) (illum 433(5)) jew 382 (illum 370) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tal-Istruttorja kull ma ghandha taghmel hu tiddeciedi jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jiqieghed taht att ta' akkuza jew le".*

Illi f'dan l-Istadju ssir ukoll referenza ghall-verbal maghmul mill-parte civile fis-seduta quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti datata l-1 ta' Ottubru, 2014, mil-liema verbal jirrizulta li r-rapprezentant legali tal-parte civile iddikjarat is-segwenti:

*"... illi l-feriti sofferti mill-parte civile, illum jirrizulta li kienu ta' natura hafifa u ghalhekk il-parte civile qed jirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli u konsegwentament jiddikjara li m'ghandu l-ebda interess fil-proceduri odjerni."*

Illi dan il-verbal sar dakinhar stess li l-prosekuzzjoni u cioe' l-ufficjal prosekutur l-ispettur Daryl Borg ikkonferma bil-gurament l-akkuza dedotta kontra l-qua appellant ai termini tal-artikolu 390(1) tal-Kodici Kriminali u wara diversi seduti li fihom ma sar xejn minhabba, fost affarjiet ohra, numru ta' differimenti li ntalbu mill-parte civile u mill-akkuzat "*bit-tama illi jsir ftehim bejn il-partijiet dwar ir-rizarciment illi huwa dovut lil Christian Gatt*". F'dan ir-rigward l-esponent jirrileva illi galadarba l-proceduri odjerni huma prosegwibbli ex ufficio, l-parte civili ma ghandha l-ebda jedd skond il-ligi li tirreduci akkuza ta' feriti ta' natura gravi hekk kif dedotta mill-prosekuzzjoni ghal wahda ta' natura hafifa. Dana qed jinghad anke fid-dawl ta' dak illi jistipula l-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali. Di piu d-dikjarazzjoni maghmula mill-parte civile ma ghandha tinghata l-ebda piz b'referenza ghall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua appellat u dana galadarba l-parte civile ma hijiex persuna kompetenti sabiex tikklassifika n-natura tal-griehi subiti specjalment meta

mill-atti processwali odjerni stess jirrizulta illi tabib (u cioe' persuna kompetenti fil-kamp mediku) ikklassifikat il-griehi subiti mill-vittma bhala feriti ta' natura gravi;

Illi di piu u mighjar pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi minkejja d-dikjarazzjoni maghmula mill-parte civile hawn fuq imsemmija ma jirrizultax mill-atti processwali li l-prosekuzzjoni waqghet l-imputazzjoni dedotta originarjament fil-konfornt tal-imputat u cioe' dik li kkaguna ferita ta' natura gravi u lanqas ma jirrizulta illi tali imputazzjoni giet effettivament ridotta ghal wahda ta' natura hafifa. Ghaldaqstant jibqa' l-fatt illi r-reat addebitat fil-konfront tal-qua appellat jezorbita l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ma jinhtiegx kwerela sabiex il-procediment fil-konfront tal-appellat jissokta hekk kif spjegat iktar fid-dettal hawn fuq.

Illi ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, fil-fehma tal-esponent il-procedura li giet applikata mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-kaz odjern ma kinitx korretta skond il-ligi u dana ghaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienet qatt kompetenti li tippronunzja s-sentenza fil-konfront tal-imputat. Ghaldaqstant is-sentenza moghtija nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fil-konfront tal-appellat hija nulla u ai termini tal-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali tali sentenza ghandha tigi mhassra minn din l-Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi minnufih din il-Qorti tisqarr minghajr tlaqliq illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-impunjattiva minnhu mressaq.

Jirrizulta mill-atti illi l-kawza giet intavolata quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttojra u mhux fil-kompetenza originali taghha. Kwindi l-Qorti qatt ma setghet tghaddi ghad-decizjoni fuq il-mertu billi ma kelliex is-setgha taghmel dan.

Dan il-fatt wahdu igib in-nullita' tas-sentenza impunjata ai termini tal-artikolu 428 tal-Kap 9. Kwindi din il-Qorti ma ghandiex ghalfejn tinoltra ruhha fl-aggravju l-iehor sollevat mill-Avukat Generali dwar il-fatt illi l-akkuzi ma kienux rinunzjabbli mill-arti leza, ghalkemm l-Avukat Generali ghandu ragun f'dan l-ilment ukoll.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tiddikjara s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-1 ta' Ottubru, 2015 bhal nulla u bla effett skond il-ligi u wara illi rat l-artikolu 428(1) tal-Kap 9, tirrimanda l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tinstema skond il-ligi.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur